**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 156/2015JB

Kawza Numru: 6

**Gordon Micallef (K.I.: 371690M) in rappresentanza ta' Gordon's Moto Auto Dealer**

***vs***

**David Azzopardi (K.I.: 384062M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-27 ta' Frar 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf hames mija u ghaxar euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,510.21);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh tas-7 ta' April 2015;

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 deher il-Konvenut li ghad li ta ruhu b'notifikat bl-atti, naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi;

Ra li ghas-seduta tal-lum, deher biss l-Attur li kkonferma bil-gurament il-pretensjoni tieghu;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, l-Attur li xehed bil-gurament, irnexxielu jipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur s-somma ta' €1,510.21 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mid-data tan-notifika tal-atti u cjoe s-6 ta' Ottubru 2015. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*